PROPOSTI GHALL-BUDGET 2027



KWALITÀ, PRODUTTIVITÀ U SOSTENIBBILTÀ

uhm

VOICE OF THE WORKERS

WERREJ

Introduzzjoni 3

Organizzazzjoni Aħjar tax-Xogħol 4

Familja u Kwalità tal-Ħajja 7

Ħaddiema, Drittijiet, Tassazzjoni u Kwalità tax-Xogħol 10

Trejdjunjins u Drittijiet tal-Ħaddiema 14

Pensjonijiet 16

Diġitalizzazzjoni 18

Parkeġġ 19

Enerġija 20

Konklużjoni 22



INTRODUZZJONI

Malta qed tiffaċċja sfida importanti. Matul l-aħħar snin, it-tkabbir ekonomiku kien sostnut prinċipalment minn żieda fin-numru ta' ħaddiema. Madankollu, dan il-mudell qed joħloq pressjoni dejjem tikber fuq l-infrastruttura, it-trasport, l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja.

Għaldaqstant, il-prijorità għall-Budget 2027 għandha tkun il-bidla lejn mudell ekonomiku li jqiegħed il-produttività, il-ħiliet, il-bżulija u l-innovazzjoni fiċ-ċentru tal-politika ekonomika.

Il-UHM Voice of the Workers qed tagħmel dawn il-proposti bil-għan li jsaħħu l-produttività, joħolqu opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità, jinkoraġġixxu t-taħriġ kontinwu, jappoġġjaw ir-remote work fejn dan ikun fattibbli u jtejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex tissaħħaħ il-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiema u tal-familji Maltin u Għawdxin.

ORGANIZZAZZJONI AĦJAR TAX-XOGĦOL



1.1 *Reskilling* u *Upskilling*

Għandha titwaqqaf entità nazzjonali bbażata fuq ir-riċerka li tanalizza kontinwament il-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol tal-lum u tal-futur, b'enfasi partikolari fuq l-intelliġenza artifiċjali, id-diġitalizzazzjoni u s-setturi emerġenti. Din l-entità għandha tiggwida l-politika nazzjonali dwar ir-reskilling u l-upskilling sabiex l-investiment fit-taħriġ ikun ibbażat fuq il-ħtiġijiet reali tal-ekonomija.

Il-produttività ma tiddependix biss fuq iż-żieda fin-numru ta' ħaddiema iżda wkoll fuq il-livell tal-ħiliet tagħhom.

Għalhekk għandu jkun hemm:

- Programmi kontinwi ta' *reskilling* għall-ħaddiema li l-funzjonijiet tagħhom qed jinbidlu, liema *reskilling* jiġi xprunat mill-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol u provdut mill-imsieħba soċjali,
- Opportunitajiet ta' *upskilling* biex il-ħaddiema jibqgħu aġġornati mal-iżviluppi teknoloġiċi liema *upskilling* jiġi xprunat mill-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol u provdut mill-imsieħba soċjali;
- Investiment fit-taħriġ relatat mal-intelliġenza artifiċjali, id-diġitalizzazzjoni u teknoloġiji emerġenti;
- Dritt għal numru ta' sigħat ta' taħriġ kull sena li jkunu meqjusa bħala parti mill-ġimgħa normali tax-xogħol;
- Ħaddiema għandhom ikunu jistgħu jattendu korsijiet ta' reskilling u upskilling matul l-40 siegħa tax-xogħol tagħhom mingħajr telf ta' paga.



1.2 *Remote Work*

Estensjoni u bilanċ tar-*remote work*, fejn in-natura tax-xogħol tippermetti, tista' twassal għal żieda sostanzjali fil-produttività nazzjonali.

1.3 *Employee Wellbeing*

Impjegati għandhom jingħataw għotja ta' €500 fis-sena għal programm ta' attività fiżika jew sħubija f'gym biex jintuża l-isport bħala prevenzjoni.



FAMILJA U KWALITÀ TAL-ĦAJJA



2.1 Skema sakemm il-Wild Jagħlaq Tlett Snin

Nappoġġjaw lill-familji fit-trobbija ta' wliedhom billi nsaħħu l-għajnuna lill-ġenituri matul l-ewwel tliet snin tal-ħajja tat-tfal. Wara li jintemm il-perjodu tal-*leave* tal-maternità u parental leave, il-ġenituri jkunu jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja sakemm il-wild jagħlaq tliet snin.

Matul it-tieni sena, ġenitur li jagħżel li jaħdem fuq bażi ta' 25% tal-ħin normali tax-xogħol ikun intitolat għal 75% tal-benefiċċju. Matul it-tielet sena, il-ġenitur ikun jista' jaħdem 50% tal-ħin normali tax-xogħol u jirċievi 50% tal-benefiċċju.

Din il-miżura tgħin lill-ġenituri jqattgħu aktar ħin mat-tfal tagħhom fl-aktar snin importanti tal-iżvilupp tagħhom, filwaqt li jibqgħu attivi fid-dinja tax-xogħol.

Fażi	**Benefiċċji Eżistenti (2026)**	**Proposta UHM**
L-Ewwel Sena	18-il ġimgħa leave ta' maternità, 10 ijiem leave ta' paternità. Barra minn hekk, 4 ġimgħat paid paternal leave u 4 ġimgħat unpaid paternal leave li jistgħu jittieħdu sa meta t-tarbija tagħlaq 4 snin.	Wieħed mill-ġenituri jirċievi paga sħiħa tul il-perjodu kollu apparti leave ta' paternita.
It-Tieni Sena		Ġenitur jibbenefika minn pensjoni jekk jaħdem 10 sigħat fil-ġimgħa.
It-Tielet Sena		Ġenitur jibbenefika minn pensjoni jekk jaħdem 20 siegħa fil-ġimgħa.

2.2 *Leave* bi Ħlas għall-*Carers*

Il-*Carers' leave* għandu jiżi estiż għall-ħamest ijiem ta' *carers' leave* li jingħataw kollha bi ħlas sħiħ, irrispettivament mis-settur li fih ikun impjegat il-ħaddiem.

2.3 Flessibbiltà fir-*Respite Care*

Jiżdied l-appoġġ għal familji li jieħdu ħsieb persuni dipendenti fil-komunità permezz ta' aktar sigħat u aktar flessibbiltà fis-servizzi ta' *respite care*.

2.4 *Carers' Allowance*

Impjegati li japplikaw għal-*carers' leave* ma jkollhomx għalfejn jirreżenjaw mix-xogħol jekk jkunu jaħdmu imma jingħataw *unpaid leave* sakemm jieħdu ħsieb il-familjari tagħhom.



HADDIEMA, DRITTIJIET, TASSAZZJONI U KWALITÀ TAX-XOGHOL



3.1 Ħlas Sħiħ matul *Injury Leave*
L-*injury leave* għandu jkopri mhux biss il-paga bażika iżda wkoll il-ħlas kollu li l-impjegat kien ikun intitolat għalih kieku baqa' jaħdem, dan għandu jinkludi *bonuses*, *allowances* u sahra li jiġu kalkultati fuq medja ta' l-aħħar 17 il-ġimgħa.

3.2 Rata ta' Taxxa Uniformi ta' 10% fuq Sahra u *Performance Bonuses*
Tiġi introdotta rata ta' taxxa ta' 10% fuq kull sahra, irrispettivament mill-grad jew mid-dħul annwali tal-ħaddiem. L-istess rata għandha tapplika wkoll għall-*performance bonuses*.

3.3 Taxxa fuq Xogħol *Part-time*
Id-dħul għal min jaħdem *part-time* għandu jkun intaxxat b' 10% sa l-ewwel €20,000.

3.4 Riforma fit-Tassazzjoni
Il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali (NI) u l-*Allowance* għall-Għoli tal-Ħajja (COLA) m'għandhomx ikunu suġġetti għat-taxxa.

3.5 *Brackets* ta' tassazzjoni
Jiġu riveduti l-brackets tat-taxxa fuq id-dħul sabiex l-istruttura fiskali tkun aktar gradwali u ġusta fejn tiddaħħal rata ta' 20%, sabiex l-istruttura tat-taxxa tkun ibbażata fuq rati progressivi ta' 15%, 20%, 25% u 35%.

Din il-bidla għandha twassal biex il-piż fiskali jiżdied b'mod aktar proporzjonat skont il-livell ta' dħul, filwaqt li r-rata massima ta' 35% tkun applikabbli għal dawk il-persuni li d-dħul tagħhom jaqbeż €70,001.

3.6 Kuntratti Pubbliċi biss lil Kumpaniji li jirrispettaw id-Drittijiet tal-Ħaddiema

Il-Gvern m'għandux jagħti kuntratti pubbliċi lil kumpaniji li ma jirrispettawx id-drittijiet u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema. Kull kumpanija li tapplika għal kuntratt pubbliku għandha turi li tħallas il-pagi u l-kontribuzzjonijiet dovuti, toffri ambjent ta' xogħol sigur u tirrispetta l-liġijiet tax-xogħol u d-drittijiet trejdunjonistiċi.

Kumpaniji li jwettqu ksur serju jew ripetut għandhom jiġu esklużi minn kuntratti pubbliċi u jkunu suġġetti għal penali finanzjarji. Għal dan il-għan għandu jkun hemm *positive reinforcement* għal min jilħaq il-miri stabbilti hekk kif indikat fiċ-ċertifikazzjoni tal-employer.

3.7 Ċertifikazzjoni tal-*Employer*

B'aċċen għall-proposta tal-*positive reinforcememt*, qed jigi prospost l-introduzzjoni ta' sistema ta' ċertifikazzjoni għal *employer* li juru standards għoljin fil-ġestjoni tar-riżorsi umani u fil-kundizzjonijiet offruti lill-ħaddiema.

L-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq kriterji relatati ma' miżuri favur il-familja, Arranġamenti flessibbli, opportunitajiet indaqs; saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u investiment fit-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħaddiema. Hekk kif jissodisfa dawn il-kriterji jingħata livell taċ-Ċertifikazzjoni skond kif jikkwalifikaw għal wieħed minn dawn il-livelli li jissarfu b'inċentivi fiskali skond dawn il-kriterji:

- Bronż: Inċentivi bażiċi.
- Fidda: Inċentivi moderati.
- Deheb: L-ogħla livell ta' benefiċċji fiskali.

3.8 Modernizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol

Jkun hemm proġetti pilota għal ġimgħa tax-xogħol ta' 35 siegħa fil-ġimgħa. Dan jista' jiġi sostnut permezz ta' studju li jidentifika organizzazzjonijiet u entitajiet li, fuq bażi volontarja, ikunu lesti jipparteċipaw fil-proġett. Permezz ta' dan l-istudju jkun possibbli li jiġu evalwati l-effetti u r-riżultati tal-miżura f'setturi differenti qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni dwar implimentazzjoni aktar wiesgħa.



TREJDJUNJINS U DRITTIJIET TAL-ĦADDIEMA



4.1 *Free Riders*

Impjegati li jagħżlu li ma jissieħbux fi trejdjunjin għandhom jikkontribwixxu għal fond ċentrali li jgħin ikopri l-ispejjeż tar-rappreżentanza kollettiva.

4.2 Sħubjia mandatorja għal-ħaddiema bi dħul baxx

Tiġi introdotta sħubija obbligatorja fi trejdjunjin għall-ħaddiema bi dħul baxx sabiex ikunu garantiti protezzjoni, rappreżentanza u assistenza adegwata fuq il-post tax-xogħol. Fl-2017, l-imsieħba soċjali kienu laħqu ftehim importanti dwar il-paga minima u l-ħaddiema bi dħul baxx. Għalhekk, huwa opportun li l-prinċipji ta' ġustizzja soċjali li ġew miftiehma dak iż-żmien jiġu msaħħa permezz ta' miżuri konkreti.

PENSJONIJIET



5.1 It-Tieni Pilastru tal-Pensjoni

Tiġi introdotta l-iskema tat-Tieni Pilastru tal-Pensjoni fis-servizz pubbliku u fis-settur pubbliku sal-2027, b'estensjoni gradwali għas-settur privat sal-2030.

5.2 Xogħol *Part-Time* għall-Pensjonanti

Persuni li jkunu lestew il-kontribuzzjonijiet kollha meħtieġa skont il-liġi u rtiraw għandhom jitħallew jaħdmu part-time mingħajr ostakli amministrattivi jew fiskali mhux meħtieġa.

5.3 Estenzjoni tal-Pensjoni tal-Orfni

Il-pensjoni tal-orfni għandha tiġi estiża lil dawk it-tfal li jispiċċaw bla ġenituri sakemm jibqu' fis-sistema edukkativa iżda mhux iżjed mill-età ta' 25 sena u liema pensjoni tieqaf wara sitt xhur mill-ewwel gradwazzjoni. Din l-iskema għandha tiġi amministrata mill-*guardianship board*.

DIĠITALIZZAZZJONI

6.1 Portal Diġitali għall-Kuntratti tax-Xogħol

Jiġi żviluppat portal nazzjonali ċentralizzat fejn kull *employer* ikun obbligat jirreġistra l-kuntratti tax-xogħol. Din il-miżura ssaħħaħ it-trasparenza, il-protezzjoni tal-ħaddiema kif ukoll bħala infurzar tal-liġi.



PARKEĠĠ

7.1 Ħolqien ta’ spażji

Jitħejja pjan nazzjonali u jiġi implementat pjan għall-ħolqien ta’ spazji ta’ parkeġġ addizzjonali fuq art pubblika f’kull raħal u belt, bil-għan li titnaqqas il-konġestjoni u l-ħin mitluf fit-tfittxija ta’ parkeġġ.



ENERĢIJA



8.1 Pannelli fotovoltajċi

Għandu jkun hemm inċentiv qawwi għal dawk li diġà għandhom pannelli fotovoltajċi biex iżidu l-kapaċità tagħhom, kif ukoll għal dawk li jixtiequ jinstallawhom. Barra minn hekk, għandha tiġi introdotta skema ta' għajnuna għall-installazzjoni ta' sistemi ta' batteriji (*battery storage*) sabiex id-djar u n-negozji jkollhom sistema ta' back-up f'każ ta' qtugħ tal-elettriku u jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-enerġija li jipproduċu.

8.2 Investiment fl-Enerġija Rinovabbli

Aktar inċentivi għal investiment f'sorsi ta' enerġija rinovabbli sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet u tissaħħaħ is-sigurtà enerġetika tal-pajjiż.

KONKLUŻJONI





Il-proposti għall-Budget 2027 tal-UHM Voice of the Workers huma mmirati biex jibnu ekonomija bbażata fuq il-bżulija, il-produttività u l-investiment fil-bniedem. Il-prijorità m'għandhiex tkun li nkomplu nżidu biss il-volum tal-attività ekonomika, iżda li noħolqu aktar valur permezz tal-ħiliet, l-innovazzjoni u organizzazzjoni aktar effiċjenti tax-xogħol.

Permezz ta' investiment fit-taħriġ, promozzjoni tar-remote work fejn fattibbli, tisħiħ tad-drittijiet tal-ħaddiema, sostenn għall-familji, investiment fit-trasport sostenibbli u tranżizzjoni ekoloġika responsabbli, Malta tista' tibni ekonomija aktar reżiljenti, sostenibbli u ġusta għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.





uhm

VOICE OF THE **WORKERS**

UHM Voice of the Workers
35, St.Thomas Street
Floriana, FRN 1123

+356 2590 5000

www.uhm.mt